Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2003

23.7.2024

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2024/2003

**tat-22 ta' Lulju 2024**

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fid-9 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 ([1]), li stabbiliet il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA), b'mandat inizjali sat-8 ta' Awwissu 2022, sentejn mit-tnedija tal-EUAM RCA.

(2) Fit-28 ta' Lulju 2022, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2022/1333 ([2]), li estendiet il-mandat tal-EUAM RCA sad-9 ta' Awwissu 2024.

(3) Jeħtieġ li l-mandat tal-EUAM RCA jiġi estiż sal-31 ta' Ottubru 2024 biex tkun tista' titlesta l-valutazzjoni strateġika tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-UE fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) u tal-EUAM RCA.

(4) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 tiġi emendata skont dan.

(5) Il-EUAM RCA ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif deskritti fl-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 13(1), it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub biex ikopri n-nefqa relatata mal-EUAM RCA għall-perjodu mid-9 ta' Awwissu 2022 sal-31 ta' Ottubru 2024 għandu jkun ta' EUR 28 400 000.".

(2) fl-Artikolu 17, l-aħħar sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Il-mandat tal-EUAM RCA għandu jintemm fil-31 ta' Ottubru 2024.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/2110 tad-9 ta' Diċembru 2019 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (ĠU L 318, 10.12.2019, p. 141).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/1333 tat-28 ta' Lulju 2022 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/2110 dwar il-Missjoni Konsultattiva tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUAM RCA) (ĠU L 201, 1.8.2022, p. 25).